MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1066/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**John Bondin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u wiehed liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm601.92) ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21240195 (skond kif jirrizulta mid-Dok.A u B);**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-18 ta' Gunju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u ma pprezentax risposta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacemntement pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm601.92) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Mejju, 2004, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------